# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024**

**Numru 7**

**Rikors Numru 115/20TA**

**Carmel Falzon (ID 708459M)**

**vs**

**(i) Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta Soċjali On. Dr. Michael Falzon**

**(ii) Valentin Ivanov Nechev (ID 13377A)**

**(iii) CEO Souness Jorgen fl-interess ta' St Vincent de Paul Long Term Facility [1]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Carmel Falzon (l-Attur) tas-6 ta' Frar 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> "**ILLI** l-esponenti fil-mument li seħħ l-inċident mertu ta' din l-azzjoni kien impjegat bħala kok f' San Vincenz De Paul Long Term Facility.

[1] korr. awt. b'digriet datat 1 ta' Novembru 2022

**ILLI** f' Settemrbu elfejn u tmientax (2018), waqt li l-esponenti kien fuq xogħlu fil-faċilita San Vincenz De Paul, kawża ta' spluzzjoni riżultanti minn ħruq ta' xi forma ta' logħob tan-nar mitfugħa mill-intimat Valentin Ivanov Nechev, l-esponenti sofra disabilita permanenti fl-udit kif konfermat minn esperti f' dana il-qasam u kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża.

**ILLI** dan il-logħob tan-nar tħalla jiddaħħal fil-Faċilita' San Vincenz de Paul nonostante rapporti ta' inċidenti simili qabel dak mertu ta' din l-istanza minn ħaddiema fl-imsemmija faċilita' mad-diriġenti ta' San Vincenz de Paul.

**ILLI** għall-inċident imsemmi l-esponenti ma kien jaħti xejn u kienu taħti għalih l-intimati jew min minnhom u dana minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti applikabbili u tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi partikolarment dawk għall-ħarsein ta' saħħet il-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol;

**ILLI** kawża ta' inċident imsemmi, l-esponenti sofra danni, kif jirriżulta mir-rapport redatt min Mr. Adrian Agius (Dok A) u kif għandu jiġi ppruvat ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

**ILLI** għalkemm interpellati, anke permezz ta' ittra uffiċjali, l-intimati jew min minnhom naqsu milli jersqu għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-esponenti fl-intier tagħhom.

**JGĦIDU** għalhekk l-intimati, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja għaliex għar-raġunijiet fuq premessi m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-imsemmi inċident illi seħħ f' Settembru elfejn u tmientax (2018), illi sofra l-esponenti fil-kors tax-xogħol tiegħu fil-Faċilita' San Vincenz de Paul, seħħ unikament bi ħtija ta' l-istess intimati jew min minnhom, minħabba traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijet relevanti tal-liġi;

2. Tillikwida, jekk meħtieġ bl-opra ta' perit nominandi, id-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi inċident, liema danni jikkonsistu f'telf ta' paga, danni emerġenti u danni naxxenti mid-disabbilita' tiegħu;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-attur s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes tal-presenti, ta' l-ittra uffiċjali datata 12 ta' Novembru 2019, bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza jekk ikun il-kaz kontra l-intimati flimkien u solidalment bejniethom jew min minnhom jekk ikun il-kaz illi huma minn issa ngunta għas-subbizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-tfal u Solidarjeta' u tas-CEO ta' St. Vincent de Paul Long Term Facility (il-konvenuti) tat-18 ta' Mejju 2020 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

> "Illi preliminarjament l-esponent Ministru jeccepixxi li hu mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti ghaliex ma kellu x`jaqsam xejn mal-incident mertu tal-kawza u dan kif ser jigi spejgat f`aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza u ghalhekk hu ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> Illi bhala fatti fil-mertu l-esponenti jirrilevaw li fit-30 ta` Ottubru 2018 l-amministrazzjoni ta` San Vincenz de Paul Long Term Facility (SVP) irciviet informazzjoni minghand ir-rikorrenti li xi xahar qabel u cioe` fit-28 ta` Settembru 2018, gewwa l-Provision Stores tal-Facilita` SVP, Valentin Nechev sploda bomba/murtal u minhabba f`hekk ir-rikorrenti garrab allegatament problema fis-smigh jew xi forma ta` *hearing loss*. Tajjeb li jinghad li kemm ir-rikorrenti kif ukoll Valentin Nechev huma zewg impjegati ta` SVP. In segwitu ghal-din l-informazzjoni, fit-18 ta` Dicembru 2018 twaqqaf Bord sabiex jinvestiga dak li gara. Fid-29 ta` Jannar 2019 fir-rapport tieghu il-Bord ikkonkluda li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex jinbdew proceduri dixxiplinarji kontra Valentin Nechev. Sussegwentement, skont il-proceduri kollha li jirregolaw kazijiet bhal dawn, gie appuntat Bord ta` Dixxiplina sabiex jiddeciedi l-akkuza li harget kontra Valentin Nechev. Fis-7 ta` Mejju 2019, il-Bord ta` Dixxiplina wasal ghad-decizjoni li Valentin Nechev m`huwiex hati tal-akkuza ghaliex ma kienx hemm provi bizzejjed. L-istess Bord ikkonkluda li ghalkemm xi petards setghu splodew pero` m`hemmx provi li juru li r-rikorrenti garrab dan l-*hearing loss* minhabba l-incident jew ghaliex ir-rikorrent kellu problemi ta` smiegh qabel ma gara l-kaz. Irrizulta li f`Gunju 2019 l-intimat SVP irciviet ittra b`informazzjoni gdida dwar dak li kien jaghmel Valentin Nechev u ghalhekk fl- 4 ta` Lulju 2019 rega inhatar Bord biex jinvestiga l-allegazzjonijiet godda. Fit-13 ta` Settembru 2019 il-Bord ikkonkluda li hemm provi bizzejjed sabiex jergghu jittiehdu passi dixxiplinarji kontra Valentin Nechev minhabba lil-istess Nechev kien jitfa bombi/petards fil-Kitchen Area SVP. Fit-18 ta` Settembru 2019 Bord ta` Dixxiplina inhatar u l-kaz ghadu pendenti.
>
> Illi kif jistabilixxi l-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta kull wiehed iwiegeb ghal-hsara li tigri bi htija tieghu. F`din il-kawza l-esponenti qeghdin jirrispondu ghal-eghmil ta` haddiehor meta huwa evidenti li l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba n-negligenza u t-traskuragni ta` Valentin Nechev li huwa l-persuna li kien jisplodi dan l-loghob tan-nar f`SVP u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat bhala l-unika persuna responsabbli tal-akkadut.
>
> It-tmexxija ta` SVP, wara li rceviet l-informazzjoni ta` x`gara, hadet il-passi kollha mehtiega u f`waqthom skont ir-regolamenti biex jigi investigat x`gara u jittiehdu passi dixxiplinarji. Tajjeb li jigi enfasizzat li r-rikorrenti mar jirraporta x`gara xahar wara li sehh l-incident u qabel qatt ma ilmenta li Valentin Nechev kien igieb il-bombi/petards fuq il-post tax-xoghol. Jekk dak

li kien jaghmel Valentin Nechev kien iddejqu u ta` perikolu messu irrapurtah minnufih.

Illi inoltre kif ser jigi ippruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza, l-incident ma sehhx waqt it-twettiq tax-xoghol f` SVP izda kien incident personali bejn ir-rikorrenti u Valentin Nechev. Qatt ma kienet xi haga prevedibbli ghal-SVP li haddiem jiehu mieghu fil-post tax-xoghol loghob tan-nar u joqghod jisplodihom.

Illi skont gurisprudenza kristalizzata huwa r-rikorrenti li jrid jipprova n-ness ta’ kawzalita` ta’ l-istess fatti in relazzjoni ghall-kondotta tal-konvenuti, jew ta’ l-attur innifsu, ma’ l-event dannuz. Huwa principju ben akkolt illi min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza u effett mad-danni sofferti. F`dan il-kaz ma hemm l-ebda ness ta’ kawzalita` bejn il-komportament u l-kondotta tal-esponenti u l-event li fih l-attur issubixxa danni personali. L-incident kien unikament u esklussivament provokat mill-imgieba tal-intimat Valentin Nechev.

Illi l-azzjoni odjerna hija ukoll karenti minn fondament guridiku *stante* li qed issir fil-konfront ta’ l-*employer*, li jirrispondi biss f’kaz ta’ *culpa in eligendo* meta din lanqas biss hija allegata. Dan certament ma kienx kaz fejn l-incident sehh minhabba negligenza jew traskuragni tal-esponenti.

Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Bl-ispejjez.”

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Valentin Ivanov Nechev (il-konvenut) li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa is-segwenti:

“Illi l-esponenti f’Settembru tal-2018, kien impjegat bħala kok f’St. Vincent de Paul Long Term Facility.

Illi fit-28 ta’ Settembru tal-2018, meta seħħ l-inċident allegat mir-rikorrent, huwa la kien fil-kċina u nlanqas fl-uffiċċju fil-post tax-xogħol tiegħu.

Illi mhux minnu u mhux veru w lanqas ma kien possibbli li huwa tafa’ xi forma ta’ logħob tan-nar kif allegat mir-rikorrenit, li biha qed jingħad li kkawżat disabilita permanenti fl-udit tiegħu.

Illi jaf, għax hu hekk u għax hekk iddikjara r-rikorrenti, quddiem il-bord tal-inkjesta, tal-faċilita ta’ St. Vincent de Paul, li r-rikorrenti ma rax lill-esponenti jwaddab il-logħob tan-nar minnu allegat.

Illi mhux minnu, dak li qed jasserixxi r-rikorrenti li l-logħob tan-nar msemmi minnu, seta’ kkawżalu xi disabilita kif minnu allegat.

Illi konsegwentement l-esponenti jeċċepixxi bir-rispett:

1. Illi huwa ma kienx il-persuna, jekk hekk ġara, li kkawża t-tfaqqigħa msemmija.
2. Illi r-rikorrenti għandu jipprova qabel xejn li tali tfaqqigha kienet il-kawża tad-disabilita minnu allegata.
3. Illi r-rikorrenti jrid jipprova wkoll, li d-disabilita minnu allegata ma hijiex konsegwenza naturali tal-eta tiegħu, jew ta' xi fattur ieħor, possibilment anki ġenetiku, li kkawża n-nuqqas ta' smiegħ minnu allegat.
4. Illi l-esponenti ma kkawża l-ebda danni lir-rikorrenti.
5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur huwa impjegat bħala kok f'San Vincenz De Paul Long Term Facility. Fit-18 ta' Settembru waqt li kien xogħol kien involut f'inċident meta xi ħadd tefa' petard u b'konsegwenza spiċċa menomat serjament fis-smiegħ.

**2.** L-Attur isostni li l-persuna responsabbli ta' dan l-inċident kien il-konvenut Nechev li jħobb jagħmel ċajt goff bit-tfiegħ ta' dawn il-petardi. L-Attur isostni ukoll, li l-intimati huma ukoll responsabbli ukoll għall-fatt li

messhom għandhom sistema biex jaċċertaw li dawn ix-xorta ta' affarijiet perikolużi ma jitħallewx jidħlu f'dan l-isptar.

**3.** Għalhekk l-Attur kellu jagħmel din il-Kawża għad-danni.

**Punti ta' liġi**

**4.** Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquiliana lill-konvenuti, għad-danni li l-Attur jallega li sofra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident.

**5.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni u l-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

**6.** Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-*

*danni sofferti*" (ara Kollez. Vol. XXX. I. 142). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**7.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż. Din hija "*prevedibilita` li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-Sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene.*"

**8.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk:-

"*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi*

*ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tarregolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

**9.** Filwaqt fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech** et kien eluċidat is-segwenti:-

"… *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja."*

**10.** Ovvjament dak li huwa rikjest hu li jkun hemm xi xorta ta' kulpa biex kemm persuna fiżika u anke ente pubblika tiġi miżmuma responsabbli għad-danni li jista' jsofri utent u f'dan ir-rigward din ġiet spjegata hekk:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare."* (Ara **Giorgio Giorgi,Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II.18 p.32 – 33** ara ukoll f'dan ir-rigward **Giovanna Visintini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile, Cedam, pg 655 , 1996 Ed**).

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Il-fatti ta' din il-kawża, bħal ħafna oħrajn bħalha, ma jippresentawx xi kumplikazzjoni partikolari. Pero' bħal dejjem, f'kawżi bħal dawn il-Qorti għandha l-ewwel tgħaddi biex tiddetermina r-responsabbilita' u wara, jekk ikun il-każ, tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-Attur.

*<u>Responsabbilita'</u>*

**12.** Jibda biex jingħad li quddiemha għandha biss verżjoni waħda ġuramentata: dik tal-Attur. Il-konvenut għażel li ma jixhidx minn jheddu u lanqas ma tressaq bħala xhud mill-Attur. L-unika verżjoni li għandha da

parti tal-Konvenut hija dik li ta quddiem il-Bord ta' Dixxiplina li l-anqas ħass li tal-inqas jiġġuramentaha (a' fol 27). Di piu', fir-risposta ġuramentata tiegħu huwa jiċħad kategorikament li huwa responsabbli għall-inċident. Għalhekk din il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti u kontra xulxin.

**13.** Meta jiġri hekk, il-fatt li Qorti jkollha żewġ verżjonijiet kontrastanti ma jfissirx li għalhekk għandha taħsel idejha billi tiċħad it-talbiet Attriċi jew li tilqa' b'għajnejha magħluqa it-talbiet attriċi, dan anke qiegħed jingħad fid-dawl tal-prinċipju, li fi kwistjoni ta' pretensjonijiet ta' natura ċivili, il-grad u l-kriterji tal-prova meħtieġa ma hiex daqshekk rigoruża bħala ma hija fil-kamp penali.

**14.** Ġie fil-fatt ritenut f'dan ir-rigward li "*Fid-dawl ta' dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita' u verosomiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966**, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*".

**15.** Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.

**16.** Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża Farrugia vs Farrugia, "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*". (ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilak, Qorti Ċivili Prim' Awla, 30 ta' Ottubru 2003**).

**17.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa il-provi li għandha quddiemha u tibda mill-ewwel biex tissolleva dan:

1. Li skont ir-risposta tal-Ministeru, fit-13 ta' Settembru 2019 il-Bord maħtur minnu wasal għall-konklużjoni li kien hemm provi biżżejjed biex jerġgħu jittieħdu passi kontra l-konvenut Nechev minħabba li kien jitfa' petards fil-kċina tal-SVP. (a' fol 12).

2. Oliver Stafrace, wieħed mill-kollegi fuq ix-xogħol tal-Attur, għalkemm bħal oħrajn, kien evasiv għall-aħħar, sakemm fl-aħħar qal li ra lill-kontendenti jargumentaw għax "*rah jifta' xi haga*". Skont dak li fehmet il-Qorti, hu l-Attur beda għid lill-Konvenut li rah jitfa' xi ħaġa. "*Dak il-hin kien qed ghid li tefa' bomba*"(a' fol 56 u a' fol 58 tergo). Dan ix-xhud jgħid ukoll li ġieli sema' ħsejjes ta' dan it-tip.

3. Simon Spiteri li jaħdem mal-Attur sema' bħal faqqatura. (a' fol 62). Sema' dan il-ħoss fl-uffiċċju (a' fol 62 tergo). Dan għid li kien hemm riħa bħal meta taħraq sulfarina. Il-Qorti tirrileva li dan huwa indikattiv ta' sulfat li jintuża għall-petardi.

4. Dr. Ronald Baldacchino Direttur Mediku fl-isptar San Vincenz għid bla tlaqliq li kien inħatar Bord "*kien stabbilit li l-Attur kien qieghed jbati minn nuqqas ta' smiegh wara li xi persuni mhux identifikati waddbu xi forma ta' splussiv faqqatura fil-provision stores. Il-Bord wara li sema' u analizza x-xhieda <u>kollha jhoss li hemm testimonjanza bizzejjed biex jindika lis-Sur Valentin Nechev kien ikkommetta xi ghemil li wassal ghall-konsegwenza li sofra is-sur Falzon</u>"* (emfażi tal-Qorti a' fol 77 tergo, ara ukoll dokument a' fol 19, ara ukoll konklużjoni tal-Bord a' fol 85).

5. Joseph Mizzi għid li l-konvenut kien joqgħod jitfa' l-bombi żgħar imma qawwija u jaħsadhom u jirrakonta meta darba kellu tazza te u bil-qatgħa telaqha minn idu (a' fol 112). Kyle Azzopardi ukoll għid li darba ra lill-konvenut jitfa' dawn il-petardi (a' fol 123).

6. Kurt Pace, supervisor ta' James Caterer f'San Vincenz għid, kif l-impjegati għidu li kienu jintefgħu dawn il-bombi u dawn kienu jiddentifikaw lill-Konvenut bħala l-persuna responsabli għal dan iċ-ċajt goff (a' fol 131).

**18.** Minkejja dawn il-provi, il-konvenut ma għamilx l-iċken sforz biex jikkontradixxi dawn il-fatti. Aktar minn hekk, l-anqas offra x-xhieda tiegħu biex forsi jagħti l-verżjoni tiegħu. Iwieġeb biss fir-risposta ġuramentata li ma kienx hu li tefa' dawn il-petardi.

**19.** Hi disposizzjoni espliċita tal-Kodiċi Ċivili f'materja ta' danni akwiljani illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" (Artikolu 1031). L-istess Kodiċi jissokta jippreċiża illi jkun hemm ħtija f'min "*ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"* [Artikolu 1032 (1)]. Iżda biex ikun hemm lok għad-danni huwa *sine qua non* meħtieġ li jkun hemm ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża.

**20.** F'dan ir-rigward intqal illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante*" (Ara **Sentenza fl-ismijet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et, Appell Kummerċjali, tas-6 ta' Frar, 1928**).

**21.** Għalhekk dan ifisser li jridu jsiru żewġ konsiderazzjonijiet:-

(1) Il-kawżalita` tinvolvi riċerka ta' fatt illeċitu u l-awtur ta' dak l-istess fatt. Hi allura strument siewi utilizzat biex tkun imputata responsabilita` lil min ikun ta lok għal dannu u għad-determinazzjoni tal-konsegwenzi tal-fatt illeċitu riżarċibbli;

(2) L-esistenza tan-ness kawżali bejn il-fatt dannuż u l-event tad-dannu jispetta lil min hu msejjaħ biex jiġġudika li jivvaluta l-elementi kollha tal-fattispeċi għall-iskop li jkun aċċertat u stabbilit jekk il-fatt, objettivament u konkretament, kienx dak idoneju għall-produzzjoni tad-dannu.

**22.** Għalhekk, il-Qorti, mingħajr ebda esitazzjoni, tasal għall-konklużjoni, li l-konvenut Nechev kien il-persuna li tefa' dan il-petard u li b'konsegwenza ta' hekk l-Attur sofra danni fis-smiegħ.

**23.** Il-kwistjoni li jmiss tkun ikkunsidrata hija jekk l-Awtoritajiet għandhomx ukoll jerfgħu parti mir-responsabbilita' għall-inċident inkwistjoni. Biex dan jiġi stabbilit huwa neċessarju li jirrisulta li kien hemm xi nuqqas ta' obbligu da parti tal-konvenuti l-oħra. F'dan il-kas jekk kienx hemm obbligu li jfittxu b'mod regolari u sistemetiku fuq kull min jidħol San Vincenz li huwa Sptar u mhux xi post li intrinsikament jesiġi tfittxija fuq il-persuna fuq bażi permanenti bħal ma per eżempju hija il-faċilita' korrettiva ta' Kordin.

**24.** Jibda biex jingħad li Dr. Josianne Cutajar tgħid li fl-isptar jidħlu eluf ta' nies. "*Bejn vizitaturi u haddiema li jaghtu servizz, ghax imbaghad ghandek inti l-argument jekk isir progett, hemm kunttatturi tal-progett. Jekk ahna ghandna bzonn l-oxygen jigi l-kuntrattur jaghtina l-oxygen, jekk ghandna bzonn provisions jigu tal-provisions, igifieri apparti l-haddiema li jkunu qed jahdmu maghna jew il-kuntratturi li nawtsorsjaw hemm ukoll haddiema ohra tas-servizzi li jkunu qed jipprovdulna s-supplies … ahna ma ahnix habs u bhal kull sptar iehor f'Malta, is-security l-aktar li jkun jirregola …. Jara ovvjament l-iminaggjar tat-traffiku li jkun ghaddej, jekk ikun hemm xi disputes naghjtulhom, jekk ikun hemm xi allegazzjoniiet. Jigifieri isiru spot checks fejn ikun hemm bzonn meta jsiru allegazzjonijiet ukoll*." Tgħid ukoll li biex isiru tfittxijiet fuq il-persuna iridu ikunu alllegazzjonijiet serjissimi (a fol 182). James Carabott Hospital Planning Manager jgħid l-istess ħaġa (Emfażi tal-Qorti a' fol 192 tergo).

**25.** Dr. Ronald Baldacchino Direttur Mediku fl-isptar San Vincenz għid ukoll li "*ghat-tmexxija tal-provision stores … kien hemm diversi affarijiet li intqalu waqt ix-xhieda li kienet rekordjata li tat indikazzjoni li jsiru hafna cajt goff imma qatt ma ittiehdet azzjoni mill-amministrazzjoni tal-provision stores*" (Emfażi a' fol 77). Wara dan l-inċident żdiedet il-frekwenza tas-security guards. (a' fol 77 tergo). U James Carabott Hospital Planning Manager jixhed li qabel qatt ma kellhom rapport li kien qiegħed isir dan it-tip ta' ċajt (a' fol 190 tergo u a' fol 192 tergo).

**26.** Di fatti huwa importanti li jiġi osservat dak li qal il-Bord li investiga l-każ li fid-diviżjoni ta' fejn ġara l-inċident "*hemm nuqqas ta' gharfien ta' responsabbilita' fil-livelli varji tat-tmexxija ta' din is-sezzjoni, tant li jekk persuna tghid li ma tixtieqx tmexxi xi rapport jew ilment ma issir ebda nota jew rapport. Dan il-Bord ikompli jispjega li hareg car li hemm ammont ta' telqa u attitudni ta' xejn m'hu xejn fis-sezzjoni. Jista; jkun li jsir hafna cajt goff u hadd ma jwaqqaf xejn*" (ara a' fol 85 Emfażi tal-Qorti).

**27.** Dan tant huwa minnu, li anke l-Attur dam xahar biex jagħmel ir-rapport għaliex jidher li kien hemm tentattivi sabiex jintlaħaq xi ftehim li permezz tiegħu l-konvenut Nechev kien lest li joħroġ l-ispiża għall-*ear aid*. Meta ma sar xejn, l-attur għamel ir-rapport u kien qiegħed biss jitlob li jitħallas għall-ispiża meħtieġa ta' dawn l-*ear aids.* Di fatti l-Attur ried li l-affarijiet jitranġaw b'mod mhux uffiċjali (Ara xhieda ta' Dr. Josianne Cutajar a' fol 143 tergo). Pero' Dr. Josianne Cutajar insistiet li ssir inkjesta.

**28.** Huwa minnu li l-inċident seħħ fuq il-post tax-xogħol iżda ma kienx strettament relatat ma xi riskju intrinsiku li jippresenta dan ix-xogħol bħal xi inċident waqt l-operazzjoni ta' xi għodda jew apparat. L-anqas ma ġie pprovat li l-konvenuti awtoritajiet kienu jafu li qed isseħħ dan iċ-ċajt goff u baqgħu ma għamlu xejn. Qatt ma sarilhom rapport, anzi jidher li kien isir il-kuntrarju.

**29.** Din is-sezzjoni kienet taħbi dak li qiegħed jiġri tant li anke l-istess Attur, li kien għalih kollox sar b'mod mhux uffiċjali. Għalhekk il-Qorti ma

tistax tasal għall-konklużjoni li l-intimati Awtoritajiet għandhom xi responsabbilita' għal fini tal-azzjoni li din il-Qorti għandha quddiemha.

**30.** Għalhekk fir-rigward tal-konvenut Ministru dan ser ikun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex mhux il-leġittimu kontradittur fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B (1) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u kwantu għall-konvenut Sptar San Vincenz it-talbiet fir-rigward tiegħu ser ikunu miċħuda.

*Likwidazzjoni tad-danni*

**31.** Bħal ma dejjem jiġri f'każijiet bħal dawn, wara li l-Qorti l-ewwel ma tqies l-element tibda biex tikkonsidra d-danni sofferti mid-danneġġjat.

**32.** Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnun emergens) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum cessans). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili u cioe' "*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.*"

**33.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza lill-prinċipju tar-restitution ad integrum, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-

posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' desiderata milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**34.** Din il-Qorti issejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante* li jikkomprendi mhux biss it-telf ta' opportunitajiet iżda anke l-istat ta' saħħa fis-sens wisgħa tagħha. F'dan il-każ it-telf ta' smiegħ ser jibqa' mal-Attur għal għomru. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed in konsiderazzjoni.

**35.** F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**36.** Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati **f'Butler-vs-Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-

telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

*Damnum emergens*

**37.** Kif anke jirrisulta min-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-Attur jindika ċar liema huma dawk l-ispejjes li huma danni effettivi (a' fol 217 para 13). F'dan ir-rigward l-Awtur John Munkman josserva li *"A claimant is entitled to recover any medical and nursing expenses, and any other costs of care that have been reasonably been incurred or will reasonably be incurred as a result of the injuries arising from tort*" (**Munkman On damages and For personal Injuries and Death, 12th Ed, Lexis Nexis, pg 112, para 12.6**).

**38.** Dawn id-danni jikkonsistu f'€1500 menu għajnuna ta' €300 għajnuna sapport (ara a' fol 40 sa 43). Dan ifisser li b'hekk id-danni huma ta' €1200. Ma' dan l-ammont irid ukoll jingħadd ammont ieħor ta' €444 konsistenti f'konsulenzi. Għalhekk id-danni effettivi huma ta' **€1644.**

*Lucrum cessans*

**39.** Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

**40.** L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-

mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jiġi osservat li skond rapport ex-parte ta' Mr. Adrian Agius, Ent Surgeon, għandu 12%. "*Required fitting of hearing aids to assist hear*ing". (a' fol 3). Mentri skont il-Perit tal-Qorti Dr. Kenneth Muscat l-Attur qiegħed isofri minn diżabilta' permanenti ta' 11% (a' fol 116). Il-Qorti tħoss, li stante li d-differenza bejn iż-żewġ rapporti hija waħda minima, huwa l-każ li tqies dan il-fattur favur l-Attur u għalhekk ser tistrieħ fuq il-perċentwal ta' 12%.

**41.** Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

**42.** B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**43.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludix lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għall-bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

**44.** Pero' mhux eskluż li fiż-żewġ każijiet, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti ukoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

**45.** Iżda jrid jingħad ukoll, li dan il-prinċipju huwa ħafna aktar aċċentwat meta id-danneġġjat għall-bqija ta' ħajtu jispiċċa mingħajr il-possibilita' li jkollu kull xorta ta' impieg. Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena.

**46.** Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

**47.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

*<u>Il-multiplier</u>*

**48.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti** kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963 qalet hekk: "F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat".*"

**49.** Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl

għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attur kien isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulu ħajtu. L-Attur twieled fit-28 ta' Awwissu 1959 u għalhekk meta weġġa' kellu 58 sena. L-eta' pensjonabbli tiegħu hija dik ta' 65 sena, li jfisser il-mutiplier għandu jkun tmien (8) snin.

**50.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump **Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **fl-ismijiet Spiteri -vs- Zammit Tabona, App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri, App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003,** 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-

kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999 meta għaddew 15-il sena.**

**51.** Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta'16% bħala lump sum payment ikun ġust.

**52.** Apparti s-soltu kalkoli li jsiru abbażi ta' **Butler -vs- Hurd,** il-Qorti ma tistax ma tqisx l-aspetti psiko-fiżiċi ta' xi ħadd li għall-bqija ta' ħajtu. Dan ifisser li għalkemm skond il-formula stabbilita f'Butler -vs- Hurd id-danni kif inhuma ristretti għall-formula matematika li għandna nimxu fuqha sal-lum pero' abbażi tal-prinċipju tar-restitutio ad integrum, din il-formula waħedha ma tagħmilx ġustizzja għat-telf ta' ħiliet u pjaċiri tal-ħajja li ser jiġi imċaħħad minnhom id-danneġġjat. Li bniedem jibqa' għal għomru ibati min-nuqqas ta' smiegħ meta li ma kienx għall-inċident dan ma kienx ikun ma hiex ħaġa li għandha tittieħed b'leġġerezza. L-istess espert mediku tal-Qorti jinnota li "*Since the injury happened more than 2 years ago, there is probably not going to be any further change in his condition in relation to the accident that happened on the 28th of September 2018"* (a' fol 116). Dan ifisser li għall-bqija ta' ħajtu l-attur irid jgħid b'wieħed mill-kapaċitajiet sensorjali tiegħu diminwit bl-isvantaġġi kollha li dan iġib miegħu. Għalhekk f'dan ir-rigward, din il-Qorti ser tkun qed tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ieħor ta' tlett elf u ħames mitt ewro (€3500).

**53.** Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati prinċipalment jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevolment wieħed stabbli u fit-tul. Issa l-attur li huwa impjegat bħala kok mal-Isptar San Vincenz, fl-2018 kellu salarju nett ta' €20,924 (€24,265 gross – €3341 taxxa imnaqqsa, ara a' fol 106).

**54.** Di piu' il-Qorti hija tal-fehma, li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa, ser jitlef il-valur magħruf bħala "*purchasing power*" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have*" (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

**55.** Issa r-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2018 kienet ta' circa 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. Għalhekk l-ammont finali ta' danni ser ikun miżjud b'dan il-perċentwal. Għalhekk id-danni huma s-segwenti:

€20,924 (salarju) x 8 (ħajja lavorattiva) = €167,392 – €26,783 (16% lump sum payment) = €141,000 // 14% (perċentwal ta' diżabilta') = €19,740 + €3500 (integrita' tal-persuna) = €23,240 + €1225 (inflazzjoni) = **€24,465.** Għalhekk dawn huma it-total tad-danni sofferti mill-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet kollha** fil-konfront ta' St Vincent De Paul Long Term Facility filwaqt li qed tillibera lill-konvenut Ministru mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** fil-konfront biss tal-konvenut Nechev u tiddikjara li l-imsemmi inċident illi seħħ f'Settembru 2018 seħħ unikament bi ħtija tal-imsemmi konvenut.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur li jammontaw għal erbgħa u għoxrin elf, erbgħa mija ħamsa u sittin ewro (€24,465).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut Nechev iħallas lill-Attur is-somma likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-kawża, ħlief għal dawk tal-konvenut Ministru u St. Vincent de Paul Long Term Facility, huma a' karigu tal-konvenut.  Spejjes tal-konvenuti l-oħrajn a' karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**